**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 11** | **Nhar l- Erbgha 23 ta' April, 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 5:00pm.

**Preżenza:**

- Neville Chetcuti – Sindku
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Martin Vella – Kunsillier
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Jessica Borg – Kunsilliera
- Tania Borg – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- Ryan Sciberras – Kunsillier
- Conrad Borg Manche – Kunsillier

**Uffiċjali Preżenti:**

- Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

---

## 11.1 Preżenza

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku u l-kunsilliera msemmija hawn fuq.

## 11.2 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

11.2.1 Il-laqgħa nfetħet bi talba mis-Sindku Neville Chetcuti fil-ħamsa

ta' filgħaxija.

11.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li waslu ittri ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri assenti.

**11.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti**

11.3.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti tqassmu lill-membri u ttieħdu bħala moqrija.

11.3.2 Rigward minuta 10.2 – għadha qed tistenna data mingħand il-Ministru Miriam Dalli sabiex issir l-attività ta' "Plant a Tree" mal Waterfront.

11.3.3 Rigward minuta 10.3 – Proġett Green – Triq Kubrit.

Is-Sindku spjega li dan il-proġett se jiġi kkanċellat peress li hu u diversi kunsilliera jemmnu li dan jista' jagħmel aktar ħsara milli ġid lill-lokalità. Propona li minflok jitwettaq proġett ieħor wara Muscat Motors. Il - kunsilliera qablu unanimament.

11.3.4 Il-minuti ġew approvati fuq proposta tal-Kunsillier Martin Vella u sekondati mill-Kunsilliera Joyce Bray.

**11.4 Preżentazzjoni mill-KVF (Karl Vella Foundation)**

Is-Sur Clayton Portelli, f'isem il-KVF, informa lill-Kunsill dwar is-servizzi li toffri l-għaqda lill-familji li jkunu għaddejjin minn sitwazzjonijiet ta' mard. Il-Kunsill staqsa jekk jistax jiġi mxerred reklam mar-residenti u mal-Knisja sabiex ikun aktar effettiv.

### 11.5 Korrespondenza mis-Sindku

#### 11.5.1 Jum il-Gżira

L-attività ser issir fil-30 ta' Mejju fis-7:15pm. In-nominazzjonijiet jinfetħu mil-Ġimgħa u jagħlqu fit-16 ta' Mejju f'nofsinhar. L-attività tinkludi Quddiesa u wara attività fuq iż-żuntier.

#### 11.5.2 Skyline Webcams – Dgħajjes

Saret talba biex tiġi installata kamera viċin il-public convenience biex tħares lejn id-dgħajjes minħabba każijiet ta' serq. Il-Kunsillier Ralph Mangion talab biex tiġi kkunsidrata kamera oħra li tħares mill-naħa l-oħra. Il-Kunsill qabel.

#### 11.5.3 Pedestrian Crossings

Is-Sindku informa li t-talbiet għal zebra crossings fi Triq Enrico Mizzi, Wied il-Kappara u Triq l-Imsida ġew approvati mit-Transport Malta bi spiża ta' €10,000 kull waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li jista' jsir funding minn skemi tal-Planning Authority. Il-Kunsill ser japplika għal żewġ pelikan lights u żewġ fanali oħra (Housing Estate u ħdejn Topsy).

#### 11.5.4 Neħħija ta' Parking Bay – 41 Triq Victory

Il-Kunsill irċieva talba biex titneħħa bay ta' parkeġġ quddiem garaxx. Il-Kunsill ma approvax it-talba minħabba nuqqas ta' spazju għall-parkeġġ fil-lokalità.

#### 11.5.5 Triq Manoel de Vilhena

Il-Kunsill ġie informat li għada se jibdew il-madum f'din it-triq. Barra minn hekk, ġie kkonfermat li l-proġett għal din iż-żona ser isir taħt

skema oħra.

**11.5.6 Framework Project**

Is-sindku spjega lil-parti ta' fuq ta' Triq Manoel għadha qed tinstab soluzzjoni sabiex isir it-tarmac kollu, mhux nofsha. Qed jistennew tweġiba.

**11.5.7 Triq Victory**

Ix-xogħol f'din it-triq jibda nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa. Ser jintrama signage u jkun hemm assistenza mit-TM. Informazzjoni mxandra fuq il-paġna tal-Kunsill.

**11.5.8 Proġett Triq Sliema**

Dan il-proġett wasal fl-aħħar u suppost ikun lest sa tmiem Mejju.

**11.5.9 BCRS**

F'bidu ta' Mejju se jibda t-trasferiment tas-sistema BCRS minn Triq Sliema għal Gerry
Zammit Square.

**11.5.10 Għaqdiet**

Il-Kunsill jista' jassisti lill-għaqdiet bi massimu ta' €1,000 fis-sena. L applikazzjoni għal għajnuna għal BBQ għall-Knisja ġiet approvata. Jekk jinfetħu fondi oħra, dan l-ammont jista' jiżdied.

**11.5.11 Containers għaż-Żejt**

Il-Kunsill irċieva proposta biex jiġu installati kontenituri għal żejt użat.Il-Kunsilliera ma qablux.

**11.5.12 Nazju Ellul**

Irċevejna talba biex jiġu rranġati żewġ bankini minħabba bidla minn garaxx għal ħanut u għall-għoli tal-bankina. Il-Kunsill ser japplika mal iskema tal-PA.

**11.5.13 Attività ġdida taħt skema approvata**

L-attività ser issir fl-1 u t-2 ta' Awwissu flok dik tas-soltu tal-festa. Skema approvata l-istess jum.

---

**9.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**9.5.1** Il-Kunsilliera Joyce Bray rrimarkat li Triq Reggie Miller għadha mhux maħsula.

**9.5.2** Il-Kunsillier Aaron Caruana staqsa jekk il-Kunsill kienx involute f'każ ta' shelter. Is-Sindku qal li ma kienx u li l-email intbagħtet lil diversi entitajiet.

**9.5.3** Il-Kunsilliera Tania Borg staqsiet dwar l-istat tal-binja tal-Kunsill. Is-Sindku informa li għandha tkun lesta sa Lulju.

**9.5.4** Il-Kunsilliera Jessica Borg qalet li tixtieq li fis- sajf jerga jkun hemm atmosfera tat- tfal jerġgħu jiġu fil-ġnien biex jiżfnu nhar ta' Tlieta. Il-Kunsill qabel.

**9.5.5** Il-Kunsilliera Borg qalet li qed tikkuntattja lukandi għal 50 kamra għal weekend Break ta Novembru.

---

**9.6 Skemi u Inizjattivi**

**9.6.1 Skema SPI.SCI.04.2025 – Milied 2025:**

Is-Sindku spjega li jixtieq ikabbar din l-attività, u l-ġimgħa d-dieħla ser jikkomunika mal-persuna li wriet interess. L-attività ser issir fil-Ġnien Ewropa fit-13 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsilliera kollha qabu mal-proposta.

**9.6.2 Skema SPI.SCI.05.2025 – espressjoni ta Interess – Karnival 2026**

Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment li din is-sena nerġgħu napplikaw għal din l-iskema, sabiex inkomplu nkabbru din l-attività. Ġie wkoll propost li jkun sabiħ jekk inżidu aktar affarijiet biex nagħmluha aktar attraenti.

**9.6.3 Skema SPI.SCI.06.2025 – Fond għall-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali**

Il-Kunsill qabel li napplikaw biex nirranġaw iċ-central strip fil-parti viċin ix-Xatt, li bħalissa tinsab fi stat ħażin. Is-Sindku spjega li nistgħu nikkuntattjaw lil Project Green sabiex jiżdiedu xi siġar f'din iż-żona.

**9.6.4** Skema **SPI.SCI.07.2025 – Finazjament – Komunitajiet aktar b sahhithom u ta kwalita**:

Il-Kunsill qabel li napplikaw għal proġett ta' siġar u rinnovazzjoni tax -xatt, li jinkludi żieda ta' bankijiet, tisbieħ tal-art u t-tħawwil ta' siġar. Il-Kunsilliera qablu mal-proposta, iżda spjegaw li jekk dan il-proġett ma jitwettaqx, nistgħu nikkunsidraw li jsir proġett simili fil-madwar tal-iskola.

**9.8 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

L-iskeda KLG9/010 ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsilliera Jessica Borg, sekondata mill-Kunsillier Ralph Mangion.

### 9.9 Tmiem il-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-8:00 pm. Is-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 21 ta’ Mejju 2025 fis-5:00pm.

**IFFIRMATA:**

**Neville Chetcuti**

Sindku

**Mandy Farrugia**

Segretarju Eżekutti

Tania

Jessica